**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' April 2022**

**<u>Rikors nru : 141/2021 AGV fl-ismijiet;</u>**

**AB**

**Vs**

**MV G**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 24 ta' Mejju 2021 fejn espona bir-rispett illi;**
Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma s-segwenti:

1. Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien twieldu tlett (3) itfal, D li twieled nhar id-29 ta' Frar 2008 u t-tewmin P u S li twieldu nhar id-29 ta' Awwissu 2009.

2. Illi wara li r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn, madwar tliet (3) snin ilu, gew intavolati proceduri ta' medjazzjoni, f'liema bl-ghajnuna tal-konsulenti legali taghhom, huma waslu ghall-ftehim fir-rigward ta' dak kollu li jolqot lit-tliet ulied, liema ftehim huma ffirmawh nhar l-10 ta' Dicembru 2018 u liema gie approvat anke minn din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'A')

3. Illi l-partijiet kienu qablu li l-kura u l-kustodja kellha tkun kongunta bejniethom b'dan li l-minuri jirresjedu mal-Omm b'access versu l-Missier, u gie miftiehem u pattwit li l-esponent ghandu jhallas lill-konvenuta l-ammont ta' erba' mija u ghoxrin Ewro (€420) kull xahar bhala manteniment ghall-ulied, u dan oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.

4. Illi l-partijiet waslu ghal dan il-ftehim, tenut kont tal-bzonnijiet tal-ulied u l-mezzi u l-kapacitajiet taz-zewg kontendenti u fil-fatt minn mindu ffirmaw il-ftehim, l-esponent dejjem kkontribwixxa l-manteniment pattwit stante li kien jaqa' fil-mezzi tieghu;

5. Illi fil-fatt, l-esponent qatt ma falla pagament ta' manteniment u dejjem hallas ghal sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-ulied tant li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm proceduri kriminali u/jew proceduri ohra ta' kwalsiasi tip;

6. Illi jirrizulta li sussegwentement, minghajr ebda bdil fic-cirkostanzi tal-ulied u/jew tal-partijiet, il-konvenuta fethet ittra ta' medjazzjoni gdida u rikors fejn talbet awment tal-manteniment semplicement ghax fi kliemha ma kinitx qed tlahhaq mal-ispejjez tal-ulied u dan minghajr ma ingiebet ebda prova f'dan ir-rigward, u b'digriet tal-11 ta' Frar 2021, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba taghha u ordnat:

*Il-Qorti tordna lill-intimat sabiex 'pendente litem' ihallas €700 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri liema somma tinkludi sehmu mill-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri.*

7. Illi permezz ta' rikors datat 18 ta' Frar 2021, l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet surreferit tal-11 ta' Frar 2021, u dan ghal diversi ragunijiet inkluz li ftehim iffirmat mill-partijiet u approvat mill-Qorti, ma jistax jigi alterat b'semplici rikors *pendente lite*. Madanakollu, permezz ta' digriet iehor moghti nhar id-9 ta' Marzu 2021, it-talba tal-esponent giet michuda "*peress li ma nbidel xejn mid-data tal-ahhar digriet tal-Qorti*"; fatt li l-esponent qatt ma sostna fir-rikors tieghu;

8. Illi kif anke gie stabbilit f'gurisprudenza nostrana, sabiex jigi varjat ftehim milhuq u iffirmat bejn zewg partijiet, fuq liema japplika l-principju sagro sant tal-pacta sunt servanda, il-Qorti ghandha tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-'impossibilta' fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkustanzi kienu ghal kollox inevitabbl u indipendenti mill-volonta' tal-kontraenti; altrimenti jkun facli u inikwu illi parti wahda mill-kontraenti, b'azzjoni unlaterali bla gustifikazzjoni, tbiddel ic-cirkustanzi li fihom u dwarhom ikun intlahaq ftehim dwar il-manteniment u l-quantum dovut.

9. Illi ovvjament dan id-digriet fejn awmenta l-manteniment kwazi bid-doppju minghajr ebda gustifikazzjoni u/jew prova, wara semplici rikors pendente lite fl-atti tal-medjazzjoni, pogga f'posizzjoni ferm komda lill-konvenuta, li llum ma fadlilha ebda raguni ghaliex issegwi l-procedura intiza mil-legislatur, ossia li tintavola rikors guramentat ghal varjazzjoni tal-ftehim (tant li huwa l-

attur li fetah il-proceduri odjerni), filwaqt li pogga lill-esponent missier fl-impossibilita` finanzjarja illi jonora l-obbligi tieghu;

10. Illi l-esponenti huwa impjegat go fabbrika u ghandu paga ta' €21,765 gross fis-sena, u ghalhekk wara li tnaqqas it-taxxa relattiva, l-esponenti jircievi f'idejh circa €1,250 fix-xahar net; is-sitwazzjoni tieghu fil-fatt ghadha identika ghal dik li kienet 3 snin ilu meta giet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet, u approvata mill-istess Qorti;

11. Illi mill-paga tieghu ta' €1,250 kull xahar, in segwitu ghad-digriet tal-11 ta' Frar 2021, l-esponent illum irid jara kif ser ihallas kera ta' €500, Loan ta' €240.75 u manteniment ta' €700 (ghal total ta' €1,440.75, li ma jaqlax);

12. Illi mill-banda l-ohra, il-konvenuta Omm taghzel li ma tahdimx anke jekk fi zmien li l-partijiet iffirmaw l-iskrittura fil-fatt hija kienet tahdem u ghalhekk jekk wara tliet snin ma bdietx tlahhaq mal-ispejjez tal-ulied huwa anke tort taghha li ghazlet li tirrezenja mix-xoghol taghha. Certament illi tali ghazla m'ghandux ibati l-konsegwenzi taghha l-attur;

13. Illi jigi sottomess illi skont l-Artikolu 3B(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligu tal-manteniment ghall-ulied minuri, jserrah fuq iz-zewg genituri b'mod ugwali u l-gurisprudenza nostrana tghallimna illi l-ebda skuza ma tezisti biex tezimi individwu milli jivversa manteniment ghall-ulied, lanqas id-dizokkupazzjoni (ara **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**).

14. Illi f'dan ir-rigward anke ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Borg Angelo vs Borg Kristen** moghtija nhar l-24 ta' Gunju 2009, inghad: "In tema legali jigi osservat li, ghalkemm il-manteniment dovut ghandu jkun proporzjonat bejn il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-minuri, jibqa' ferm il-principju

li "kull genitur ghandu obbligu jikkontribwixxi ghall-ghixien u l-manteniment tal-ulied, u ghal dan il-ghan kull genitur ghandu jara x' jaghmel biex jaghmel sforz genwin [anke a skapitu tal-interessi personali tieghu] biex imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja".

15. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat

Ghaldaqstant u previa kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u Tiddikjara illi c-cirkostanzi tal-partijiet u/jew tal-Minuri ma inbidlux b'tali mod illi jimmeritaw biex din l-Onorabbli Qorti tvarja l-ftehim ffirmat mill-kontendenti nhar l-10 ta' Dicembru 2018 u tawmenta l-manteniment dovut mill-esponent missier;

2. Konsegwentement Tirrevoka d-digrieti moghtija fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 71/2020 fl-ismijiet MVG v AB , nhar il-11 ta' Frar 2021 u dak tad-9 ta' Marzu 2021;

3. Tikkonferma fl-intier taghha l-iskrittura ffirmata mill-partijiet u approvata mill-Qorti nhar l-10 ta' Dicembru 2018;

4. F' kaz li ma tilqax l-ewwel tlett (3) talbiet tistabilixxi retta alimentarja gdida ta' manteniment ghall-minuri, u dan tenut kont tal-mezzi u l-qliegh tar-rikorrent u l-bzonnijiet tal-minuri;

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-RISPOSTA ĠURAMENTATA ta' MVG (K.I. Nru. 454783M), datata 3 ta' Awwissu 2021;**

Teċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

Illi t-talbiet promossi mill-intimat permezz tal-azzjoni minnu esperita għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet u għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:

1. Illi l-manteniment ta' seba mitt Ewro (€700) fix-xahar li jinkludu ukoll sehem ir-rikorrent mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ta' tlett itfal adoloxxenti huwa altru milli ammont xieraq, raġjonevoli u ġustifikat tenut kont tal-eżiġenzi tal-istess minuri u l-mezzi tal-kontendenti.

2. Illi tali somma effettivament tfisser li r-rikorrent qiegħed jiġi mitlub jikkontribwixxi biss s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€233.33) fix-xahar għall-kull wild, u ma jkollu x' jaqsam ma' ebda spiża oħra, ammont li tabilħaqq fih innifsu qajla huwa suffiċjenti biex jitħallsu nofs l-ispejjeż kollha relatati mat-trobbija, l-indkurar u l-għajxien ta' kull wild fid-dinja tal-lum.

3. Illi l-eċċipjenti għamlet u qiegħda tagħmel sagriffiċċji kbar biex hija tgħajjex lit-tlett itfal tagħha u tara li ma jkun jonqoshom xejn mill-bżonnijiet

kwotidjani tagħhom, b'dan li r-rikorrenti b' sens ta' sfida naqas milli jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €700 fix-xahar għal kull skadenza li għaliha kien dovut tali manteniment sa mid-digriet ta' nhar il-11 ta' Frar, 2021.

4. Illi di piu, dak li ma qalx ir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu huwa li fil-fatt huwa qatt ma ħallas l-intier tal-manteniment dovut, u dan billi parti sostanzjali ta' kull skadenza kienet tinżamm minnu bi tpaċija għal kreditu li jippretendi li għandu kontra l-eċċipjenti, b'dan għalhekk li fil-fatt l-eċċipjenti dejjem irċeviet f' idejha sommom miżeri li permezz tagħhom kellha tgħajjex lil uliedha.

5. Illi filwaqt li huwa minnu li l-partijiet kienu qablu bonarjament fuq l-ammont ta' manteniment fl-ammont komplessiv ta' erba mija u għoxrin Ewro (€420) fix-xahar, huwa daqstant minnu li l-esperjenza ta' dawn l-aħħar tliett snin wara l-iffirmar tal-kuntratt bejn il-partijiet wriet li tali somma hija bil-wisq miżera biex l-esponenti tkun tista' tlaħħaq waħedha mal-bżonnijiet ta' tlett itfal.

6. Illi lanqas huwa minnu li ma kien hemm ebda bdil fiċ-ċirkostanzi u dan billi *de minimis* f' dan is-snin il-minuri ma baqgħux tfal żgħar u saru prattikament adoloxxenti, tant li l-ispejjeż kollha żdiedu.

7. Illi għalhekk kien hemm ħtieġa impellenti li l-ammont ta' manteniment jiġi rivedut għall-ammont li huwa aktar xieraq, li jirrifletti l-mezzi tal-kontendenti kif ukoll il-bżonnijiet tal-minuri.

8. Illi fuq kollox il-każistika u l-liġi nostrana huma ċari li din l-Onorabbli Qorti għandha kull seta' li tvarja l-ammont ta' manteniment dovut, anki jekk preċedentement bonarjament maqbul, skond dak li tqis li huwa fl-aħjar u suprem interess tal-minuri.

9. Illi bla preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent għandu jipprova in virtu tal-Artikoli 558, 559 u 562 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dak kollu minnu pretiż.

10. Illi fid-dawl tas-suespost, l-eċċipjenti qiegħda tipprevalixxi ruħha mill-kawża tar-rikorrent u qiegħda kontestwalment mal-preżenti tressaq rikonvenzjoni fil-konfront tar-rikorrent.

11. Illi l-eċċipjenti tiddikjara li taf b' dawn il-fatti personalment.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-Liġi.

**Bl-ispejjeż kollha u l-imgħaxijiet kontra ir-rikorrent li hu sa minn issa nġunt in subizzjoni.**

**Il-Qorti ;**

**Rat il-KONTROTALBA ta' MVG**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-kawża tal-rikorrent sabiex tistitwixxi kontro-talba ai termini tal-Artikoli 396 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi minn relazzjoni li l-esponenti kellha mal-intimat huma kellhom tlett ulied; D li twieled fid-29 ta' Frar, 2008, u tewmin bl-ismijiet P u S, li twieldu fid-29 ta' Awwissu, 2009.

3. Illi l-partijiet għaddew minn proċeduri ta' medjazzjoni, b'dan li huma kkonkludew l-istess bonarjament u l-kwistjonijiet kollha relattivi għall-minuri ġew regolati permezz ta' kuntratt datat nhar l-10 ta' Diċembru, 2018.

4. Illi għalkemm fil-kuntratt in kwistjoni ġie miftiehm li l-intimat kellu jivversa bħala manteniment is-somma ta' erba mija u għoxrin Ewro (€420) fix-xahar għat-tlett ulied, ir-realta ta' dawn l-aħħar snin magħduda mal-fatt illi l-ulied kibru u huma llum kollha prattikament adoloxxenti, sarraf fil-fatt li tali somma saret bil-wisq miżera biex l-esponenti tkun tista' tlaħħaq waħedha mal-bżonnijiet ta' tlett itfal.

5. Illi għalhekk, in vista tal-bdil fiċ-ċirkostanzi u r-realtajiet li ġiet rinfaċċjata bihom l-esponenti, kien hemm ħtieġa impellenti li l-ammont ta' manteniment jiġi rivedut għall-ammont li huwa aktar xieraq, li jirrifletti l-mezzi tal-kontendenti kif ukoll il-bżonnijiet tal-minuri.

6. Illi kien dan li wassal lill-esponenti sabiex tiftaħ proċeduri ta' medjazzjoni ġodda u, wara n-nuqqas assolut ta' kooperazzjoni da parte tar-rikonvenzjonat, li titlob lil din l-Onorabbli Qorti għall-awment fil-manteniment pagabbli permezz ta' rikors pendente lite, liema awment ġie lilha konċess permezz ta' digriet ta' nhar il-11 ta' Frar, 2021.

7. Illi l-esponenti hija konsapevoli tal-fatt li l-intimat għandu mhux biss salarju tajjeb iżda wkoll sorsi ta' qliegħ oħra, b'dan li sa biss ftit ilu kien anki jiġġenera qliegħ addizzjonali tramite negozju tal-parties. Fil-fatt biżżejjed

jingħad li l-qagħda finanzjarja tar-rikonvenzjonant wassal sabiex ikun f' pożizzjoni li jixtri Mercedes Benz li tiswa l-fuq minn ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000), jiżviluppa proprjeta kif ukoll ikollu fondi suffiċjenti biex isiefer u jiddeverti. Tabilħaqq l-istat finanzjarju tal-intimat huwa tali li jippermettilu jżomm żewġ vetturi u żewġ garaxxijiet.

8. Illi dan filwaqt li l-esponenti tinsab f' pożizzjoni finanzjarjament mwergħa peress li fil-preżent hija prekluża milli taħdem b' mod li tiġġenera kwalsiasi forma ta' introjtu. Dan billi hija ddedikat il-ħin tagħha kollu għat-trobbija u l-indukrar tat-tlett itfal tal-kontendenti.

9. Illi b'hekk mhux talli hemm diskrepanza notevoli fil-qagħda finanzjarja ta' entrambi l-partijiet, iżda talli l-fatt li l-ulied qed jgħixu mal-esponenti ifisser li hija qiegħda neċessarjament ta' kuljum tħallas għall-kull bżonn tagħhom, tħallas kontijiet u spejjeż tal-ħajja li jirriflettu l-konsum tat-tlett ulied u tiddedika lilha nfisha għall-ħtiġijiet kollha tal-minuri mingħajr possibilita li taħdem.

10. Illi għalkemm l-esponenti tagħmel l-għalmu tagħha biex tipprova tgħaddi kif tista' bil-mezzi limitati tagħha, b' dan li per eżempju fix-xhur li għaddew għamlet sagrifiċċji kbar biex xtrat *computer* għall-bżonnijiet skolastiċi tat-tfal, hija ma tiflaħx aktar tkompli ġġor dan il-piż waħedha mingħajr kontribut siewi u ġenwin ta' missier it-tfal.

11. Illi ma hux sewwa li l-minuri jkollhom isofru s-sagrifiċċji u jaraw lil ommhom titħabat biex tlaħħaq mal-bżonnijiet bażiċi tagħhom sempliċiment għax missierhom ma jridx jaċċetta li l-ħtiġijiet ta' uliedu jirrikjedu kontribut finanzjarju aktar minn dak li huwa komdu u lest li jħallas!

12. Illi bid-dovut rispett, il-bżonnijiet bażilari tal-minuri m'għandhomx jiġu wara l-kapriċċi ta' AB b'dan li huwa mingħul id-dinja li min iġib it-tfal fid-dinja għandu jerfa r-responsabilita li tal-anqas jipprovdi għall-għajxien u t-trobbija tagħhom u mhux iħallihom nieqsa biex huwa jgawdi u jagħmel il-kapriċċi.

13. Illi l-esponenti tixtieq, u l-bżonnijiet tal-minuri hekk jinneċessitaw, li l-manteniment dovut jiġ rivedut għall-somma iżjed raġjonveoli u li tkun tikkomprendi fiha s-sehem tal-intimat mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, b'dan għalhekk li jiġu evitati s-soliti skużi dwar il-validita' tal-irċevuti li l-esponenti tippreżenta lill-intimat.

14. Illi fl-aħħar l-esponenti mhux qed tfittex li tgħajjex lil uliedha fil-lussu, iżda biss b' dinjita u mingħajr biża li ma tlaħħaqx għall-bżonnijiet ta' kuljum.

15. Illi minkejja li r-rikonvenzjonat ġie ordnat iħallas manteniment lill-esponenti fis-somma ta' €700 fix-xahar permezz ta' digriet tal-11 ta' Frar, 2021, huwa baqa' inadempienti.

16. Illi għalhekk l-esponenti kellha tipproċedi b' dawn il-proċeduri.

17. Illi l-esponenti tiddikjara li taf b' dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, jgħid għalhekk AB għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja w opportuna u għar-raġunijiet premessi, kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:

1. Tordna lil AB sabiex imantni lill-minuri ulied il-kontendenti D, P u S u għal dan l-iskop tiffissa retta alimentarja u tordna lill-AB sabiex iħallas dik ir-retta

alimentarja hekk stabbilita’, liema retta alimentarja għandha tinkludi l-ispejjeż tas-saħħa, edukazzjoni u l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari, u dan b’dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll li din ir-retta alimentarja tiġi inkrimentata perjodikament sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja;

2. Tagħti dawk il-provvedimenti u l-ordinijiet l-oħra kollha opportuni li din l-Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha li jkunu hekk meħtieġa għat-twettiq sħiħ u sewwa ta’ dan il-ġudizzju;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċeduri kollha inkorsi mill-esponenti, u bl-interessi legali skond il-liġi kontra AB, li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Risposta guramentat ta’ AB, datata 7 ta’ Ottubru 2021 ;**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien twieldu tlett (3) itfal, D li twieled nhar id-29 ta’ Frar 2008 u t-tewmin P u S li twieldu nhar id-29 ta’ Awwissu 2009.

2. Illi wara li r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn, madwar tliet (3) snin ilu, gew intavolati proceduri ta’ medjazzjoni, f’liema bl-ghajnuna tal-konsulenti legali taghhom, huma waslu ghall-ftehim fir-rigward ta’ dak kollu li jolqot lit-tliet ulied, liema ftehim huma ffirmawh nhar l-10 ta’ Dicembru 2018 u liema gie approvat anke minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-partijiet kienu qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tkun kongunta bejniethom b'dan li l-minuri jirresjedu mal-Omm b'access versu l-Missier, u gie miftiehem u pattwit li l-esponent ghandu jhallas lill-konvenuta l-ammont ta' erba' mija u ghoxrin Ewro (€420) kull xahar bhala manteniment ghall-ulied, u dan oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.

4. Illi l-partijiet waslu ghal dan il-ftehim, tenut kont tal-bzonnijiet tal-ulied u l-mezzi u l-kapacitajiet taz-zewg kontendenti u fil-fatt minn mindu ffirmaw il-ftehim, l-esponent dejjem kkontribwixxa l-manteniment pattwit stante li kien jaqa' fil-mezzi tieghu;

5. Illi fil-fatt, l-esponent qatt ma falla pagament ta' manteniment u dejjem hallas ghal sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-ulied tant li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm proceduri kriminali u/jew proceduri ohra ta' kwalsiasi tip;

6. Illi minn Dicembru 2018, ma kien hemm tibdil fic-cirkostanzi tal-ulied u/jew tal-partijiet u fil-fatt ic-cirkustanzi tal-ulied u/jew tal-partijiet baqghu l-istess;

7. Illi b'riferenenza ghal l-ewwel talba rikorrenti, l-esponenti jirrileva li

    (a) bhala missier, qatt ma kellu diffikulta sabiex imantni lil uliedu, kif del resto dejjem ghamel, b'dan pero li sabiex l-ammont ta' manteniment jigi likwidat, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni il-mezzi tal-partijiet, il-kapacita tar-rikorrenti li tahdem kif ukoll il-bzonnijiet tat-tfal;

    (b) illi tenut in konsiderazzjoni l-paga ta' l-esponenti, il-bzonnijiet tat-tfal, il-mezzi tar-rikorrenti kif ukoll il-fatt li qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni, l-manteniment kif ukoll sehem l-esponenti mil-

ispejjez ta' sahha u l-ispejjez ta' edukazzjoni dejjem thallsu puntwalment skond il-ftehim ta' l-10 ta' Dicembru 2018, l-ammont ta' manteniment ma ghandux jinkludi wkoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. Illi sehem (nofs) l-esponenti mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandhon jithallsu separatament.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni kontra MVG**

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, li minnha kienu twieldu tlitt itfal, ilkoll ghadhom minorenni. Wara li l-istess relazzjoni intemmet, huma iffirmaw kuntratt bejniethom fl-10 ta' Dicembru 2018 li jirregola l-kura w kustodja kongunta tal-minuri, il-manteniment pagabbli ghalihom, u l-access taghhom. Il-manteniment maqbul bejniethom kien ta' €420 fix-xahar ghal tlitt ulied, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni. Sena wara, f' Jannar 2020, l-omm fethet proceduri godda ta' medjazzjoni fejn talbet awment fil-manteniment, a bazi li l-missier kellu introjtu sostanzjali u seta' ghalhekk ihallas aktar manteniment, u li bil-ftehim milhuq bejniethom ma kienetx qed tlahhaq mal-ispejjez. Fl-istess medjazzjoni kien intlaqa' rikors taghha fejn il-Qorti ziedet il-manteniment ghal €700 fix-xahar, li kien jinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni. Wara tentattiv li dak id-digriet jigi revokat, il-missier ressaq dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti ftit li xejn hemm x'jigi esaminat. Hemm qbil fuq il-fatti saljenti, jigifieri li kien hemm ftehim bejn il-partijiet, u li sussegwentement l-

omm inghatat zieda fil-manteniment b'digriet waqt medjazzjoni. Jibqa' biss il-fatt jekk din iz-zieda kienetx wahda gustifikata jew le, u hawnhekk il-Qorti sejra tezamina l-bazi li fuqha kienet saret it-talba fl-atti tal-medjazzjoni, liema atti gew allegati ma' dawn il-proceduri. Hemmhekk, il-konvenuta kienet talbet zieda fil-manteniment a bazi tal-ispejjez taghha, li skond prospett esebit minnha kienu jammontaw ghal madwar €1,320 fix-xahar. B'digriet datat 11 ta' Frar, 2021, it-talba ghal zieda intlaqghet u l-manteniment zdied ghal €700 fix-xahar, kif gia' intqal.

Fl-affidavit ippresentat minnha stess fil-kawza odjerna, izda, il-konvenuta tghid li l-ispejjez taghha ghat-tlitt ulied ivarjaw bejn €720 u €830 fix-xahar, li huwa ammont sostanzjalment inqas minn dak dikjarat minnha fil-medjazzjoni. Il-Qorti hi tal-fehma li dawn l-ispejjez indikati minnha fil-kawza huma hafna aktar verosimili u realistici minn dawk indikati fl-atti tal-medjazzjoni. Dan ifisser li, jekk l-ispejjez ghall-minuri jammontaw bejn wiehed u iehor ghal madwar €780 fix-xahar, il-manteniment maqbul bejn il-partijiet fl-iskrittura taghhom tal-10 ta' Dicembru 2018 fl-ammont ta' €420 fix-xahar huwa wiehed gust u ma hemmx ghalfejn ghandu jigi varjat. Huwa pacifiku fil-ligi li huwa d-dmir taz-zewg genituri li jmantnu lil uliedhom, u ghalhekk l-attur qieghed ikopri nofs dawn l-ispejjez bil-manteniment imhallas minnu. Dan oltre l-fatt li fl-istess ftehim hemm maqbul li l-manteniment ghandu joghla skond l-gholi tal-hajja, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti aktar u aktar ma hemmx raguni li l-manteniment jigi varjat.

Il-konvenuta ressqet kontro-talba ghall-azzjoni tal-attur, fejn talbet lill-Qorti sabiex "tiffissa retta alimentarja u tordna lil AB sabiex ihallas dik ir-retta alimentarja hekk stabbilita". Fil-fehma tal-Qorti, ladarba hemm skrittura maqbula bejn il-partijiet, kellha semmai tintalab varjazzjoni tal-istess skrittura u zieda fil-manteniment a bazi ta' bdil fic-cirkostanzi taghha. Dan imkien ma sar mill-konvenuta rikonvenzjonanta. La saret it-talba ghall-varjazzjoni, u lanqas ma gew

prodotti provi li juru li kien hemm bdil fic-cirkostanzi tal-partijiet jew tal-istess minuri. Ghalhekk ukoll, il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-talba taghha. Li kieku ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet, il-Qorti setghet tiffissa retta alimentari ghall-minuri, izda dan gia' kien sar bi ftehim bejniethom. Illi ghalhekk ukoll, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta ma jistghux jintlaqghu.

Jibqa' biss ghalhekk li l-Qorti tikkunsidra t-talbiet tal-attur, u cioe' li l-Qorti tiddikjara li c-cirkostanzi tal-partijiet u tal-minuri ma nbidlux, li d-digrieti moghtija fl-atti tal-medjazzjoni jigu revokati, u li l-iskrittura iffirmata mill-partijiet tigi konfermata. Mill-provi prodotti mill-partijiet u esaminati mill-Qorti, dawn it-talbiet ghandhom jintlaqghu. Ghalhekk, l-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet fl-10 ta' Dicembru 2018 ghadha vigenti u vinkolanti, u d-digrieti li kienu nghataw waqt il-medjazzjoni qed jigu revokati.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici.

1. Tiddeciedi u Tiddikjara illi c-cirkostanzi tal-partijiet u/jew tal-Minuri ma inbidlux b'tali mod illi jimmeritaw biex din l-Onorabbli Qorti tvarja l-ftehim ffirmat mill-kontendenti nhar l-10 ta' Dicembru 2018 u tawmenta l-manteniment dovut mill-esponent missier;

2. Konsegwentement Tirrevoka d-digrieti moghtija fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 71/2020 fl-ismijiet MVG v AB , nhar il-11 ta' Frar 2021 u dak tad-9 ta' Marzu 2021;

3. Tikkonferma fl-intier taghha l-iskrittura ffirmata mill-partijiet u approvata mill-Qorti nhar l-10 ta' Dicembru 2018;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici.

**Kwantu ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta;**

Tichad it-talbiet rikonvenzjonali mressqa mill-konvenuta.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**